

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-karrieri doppji għall-atleti

(2013/C 168/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI,

FILWAQT LI JFAKKRU:

Li l-Kunsill fl-20 ta' Mejju 2011 stabbilixxa Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Ispport għall-2011-2014 li enfażizza r-rwol tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-kwalifiki fl-isport u ħoloq il-Grupp ta' Esperti "Edukazzjoni u Taħriġ fl-Ispport" biex iħejji proposta għal linji gwida Ewropej dwar il-karrieri doppji.

FILWAQT LI JILQGĦU:

Il-"Linji Gwida tal-UE dwar il-Karrieri Doppji tal-Atleti" li tħejjew mill-Istati Membri u l-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ fl-Ispport fuq proposta mill-grupp ad-hoc ta' esperti dwar il-karrieri doppji u li jinkoraġġixxu għadd ta' azzjonijiet ta' politika b'appoġġ għal karrieri doppji fl-isport ⁽¹⁾.

FILWAQT LI JQISU LI:

1. Għall-iskopijiet ta' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, it-terminu "atleta" għandu jinftehem bħala "atleta ta' talent" jew "atleta mill-aqwa", kemm maskili kif ukoll femminili, inklużi atleti b'diżabbiltà biex tiġi rrispettata l-konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà.
 - It-terminu "atleta ta' talent" għandu jinftehem li jfisser atleta rikonoxxut minn organizzazzjoni sportiva, korp governattiv jew l-istat bħala atleta li għandu l-potenzjal jiżvilupp karriera mill-aqwa fl-isport.
 - It-terminu "atleta mill-aqwa" għandu jinftehem li jfisser atleta li għandu kuntratt professjonali ma' impjegat fil-qasam tal-isport jew organizzazzjoni sportiva, jew li għandu status rikonoxxut minn organizzazzjoni sportiva, korp governattiv jew l-istat bħala atleta mill-aqwa abbażi ta' suċċess u kisbiet ippruvati.
2. It-terminu "karriera doppja" għandu jinftehem li jfisser li atleta jista' jorbot, mingħajr sforz personali mhux raġonevoli, il-karriera sportiva tiegħu mal-edukazzjoni u/jew ix-xogħol b'mod flessibbli permezz ta' taħriġ ta' kwalità għolja sabiex jitħarsu l-interessi morali, tas-saħħa, edukattivi u professjonali tiegħu, mingħajr ma jiġi kompromess l-ebda mill-oġġettivi, b'fokus partikolari fuq l-edukazzjoni formali kontinwa ta' atleti żgħażaġh.
3. Il-kisba sportiva ta' livell għoli għandha tkun tista' tintrabat mal-edukazzjoni u karriera, li fiha l-atleti jkunu jistgħu jisfruttaw il-ħiliet tagħhom biex jikkontribwixxu aktar fis-soċjetà. L-atleti jiksbu għarfien, ħiliet u kompetenzi permezz tal-involvement tagħhom fl-isport; ir-Rakkoman-dazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni ta' taġħlim mhux formali u informali ⁽²⁾ tipprovdi opportunità biex l-Istati Membri jirrikonixxuhom u jivvalidawhom.

4. Il-promozzjoni ta' karrieri doppji ta' atleti tikkontribwixxi għal diversi għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 ⁽³⁾ (prevenzjoni ta' tluq bikri mill-iskola, aktar gradwati fl-edukazzjoni għolja, aktar impjegabbiltà ogħla) u tagħmel il-politiki dwar l-isport aktar effiċjenti billi aktar atleti jinżammu fis-sistema sportiva.

5. L-atleti qegħdin dejjem aktar jitħarrġu u/jew jikkompetu regolarment barra minn pajjiżhom li jagħmel ir-rabta ta' karriera sportiva mal-iskola, l-istudju jew il-karriera barra l-isport aktar kumplessa. Dawn l-atleti jirrappreżentaw waħda mill-aktar partijiet internazzjonalment mobbli tal-popolazzjoni Ewropea.

6. L-atleti huma ta' kontribut importanti għall-immagna tal-isport u l-attività fiżika, jikkomunikaw valuri pożittivi lis-soċjetà bħall-ekwità u d-dedikazzjoni għall-kisba u jservu bħala mudelli biex jingħaqdu atleti żgħażaġh. Barra minn hekk, huma rappreżentanti importanti ta' pajjiżhom. F'dan il-kuntest, l-organizzazzjonijiet sportivi u l-gvernijiet għandhom ir-responsabbiltà li jippermettu lill-atleti jirnexxu f'karriera doppja biex jiżguraw li ma jkunux żvantaġġati wara l-karriera sportiva tagħhom tkun spiċċat (*).

7. L-isport għat-tfal għandu dejjem jitwettaq f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU *dwar id-Drittijiet tat-Tfal*. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li l-involvement tat-tfal bi tħejji għal sport ta' livell għoli ma jxekkikx jew ma jkunx ta' detriment għall-benessri fiżiku, soċjali jew emozjonali tagħhom (*).

8. L-isfidi prinċipali fir-rigward tal-kwalità tal-edukazzjoni u servizzi ta' appoġġ għall-atleti involuti fi sport ta' livell għoli fl-Ewropa huma:

— Is-salvagwardja tal-iżvilupp ta' atleti, speċjalment inkluż fi sport bi speċjalizzazzjoni bikrija (imwettaq f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tat-tfal) u ta' żgħażaġh fl-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali;

— Il-bilanċ bejn it-taħriġ u l-edukazzjoni fl-isport u, fi stadju aktar tard tal-ħajja, l-ekwilibriju bejn it-taħriġ fl-isport u l-impjeg;

— Il-fażi tat-tmjem tal-karriera sportiva ta' atleti, inklużi dawk li jtilqu mis-sistema sportiva aktar kmieni milli ppjanat (*).

9. Sabiex jikkompetu fl-livell għoli, għadd sostanzjali ta' atleti huma sfurzati li jissupplimentaw il-finanzjament tal-isport tagħhom, spiss permezz ta' appoġġ mill-familja, self għall-istudenti jew permezz ta' impjegi part-time jew full-time.

⁽¹⁾ Dok. 17208/12.

⁽²⁾ ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.

⁽³⁾ COM(2010) 2020 finali.

(*) Riżerva ta' skrutinju minn IT.

Xi atleti ma jibqgħux fl-isport minħabba li l-karrieri sportivi tagħhom jkunu diffiċli li tintrabat mal-edukazzjoni u/jew ix-xogħol.

10. Hemm benefiċċji sostanzjali għal atleti li jkunu jistgħu jorbtu l-karriera sportiva mal-edukazzjoni u/jew ix-xogħol, inklużi benefiċċji relatati mas-saħħa (eż. stil ta' ħajja ekwilibrat u inqas stress), benefiċċji ta' żvilupp (eż. żvilupp ta' ħiliet applikabbli fl-isport, edukazzjoni u sferi oħra tal-ħajja), benefiċċji soċjali (netwerks soċjali mifruxa u sistemi ta' appoġġ soċjali), u prospetti msaħħa ta' impjiegi fil-ġejjieni.

FDAN IL-KUNTEST, JISTIENDU LILL-ISTATI MEMBRI TAL-UE, L-ORGANIZZAZZJONIJET SPORTIVI U L-PARTIJET INTERESSATI, WAQT LI JAĠIXXU FIL-KOMPETENZI U L-OQSMA TA' RESPONSABILITÀ TAGĦHOM B'KONT MEĦUD TAL-AWTONOMIJA TAL-ORGANIZZAZZJONIJET SPORTIVI BIEK:

1. Abbażi tal-prinċipji li jinsabu fil-Linji Gwida tal-UE dwar il-Karrieri Doppji tal-Atleti, jiżviluppaw qafas ta' politika u/jew linji gwida nazzjonali għal karrieri doppji li jinvolvu l-partijiet interessati prinċipali eż. ministeri tal-isport, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjiegi, id-difiża, iż-żgħażaġh, l-affarijiet interni u l-finanzi u oħrajn, l-organizzazzjonijiet sportivi, korpi governattivi, l-istituzzjonijiet edukattivi, in-negozji, il-kmamar tal-kummerċ u x-xogħol u l-korpi rappreżentattivi tal-atleti.
2. Jippromwovu l-kooperazzjoni u ftehimiet fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' karrieri doppji bejn il-partijiet interessanti rilevanti kollha.
3. Jinkoraġġixxu kooperazzjoni transettorjali u jappoġġaw miżuri innovattivi u riċerka bl-għan li jiġu identifikati u solvuti l-problemi li jaffaċċjaw l-atleti kemm fl-edukazzjoni kif ukoll fuq il-post tax-xogħol.
4. Jippromwovu l-iskambju ta' Prattika tajba u esperjenza f'karrieri doppji fost l-Istati Membri fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali.
5. Jiżguraw li l-miżuri b'appoġġ għal karrieri doppji, fejn jeżistu, jiġu applikati ugwalment għal atleti rġiel u nisa u b'kont meħud tal-bżonnijiet speċjali ta' atleti b'diżabbiltà.
6. Jinkoraġġixxu organizzazzjonijiet sportivi u istituzzjonijiet edukattivi biex jiżguraw li persunal kwalifikat jew imħarreġ adegwatament biss jaħdem jew jivvolontarja b'appoġġ għal atleti li jkollhom karriera doppja.
7. Jippromwovu l-użu ta' standards ta' kwalità f'akkademji sportivi u ċentri ta' taħriġ ta' prestazzjoni għolja pereżempju fir-rigward ta' persunal b'karrieri doppji, arranġamenti ta' sigurtà u sikurezza u trasparenza rigward id-drittijiet tal-atleti.
8. Rigward l-edukazzjoni għall-atleti:
 - Jippermettu toroq adattati għal atleti fi ħdan l-oqfsa ta' politika u/jew legali relatati biex jorbtu l-attivitatijiet

sportivi tagħhom mal-edukazzjoni, possibbilment fil-kuntest ta' netwerks ta' istituzzjonijiet edukattivi. Ċikli akkademiċi adattati, toroq ta' taġlim individwali, taġlim mill-bogħod u taġlim elettroniku, taġlim supplementari u flessibilità fl-iskedi ta' żmien tal-eżamijiet jistgħu jkunu ta' għajnuna f'dan ir-rigward.

- Jikkunsidraw il-benefiċċji tal-ħolqien ta' sistema ta' akkreditament ta' kwalità fil-livell nazzjonali għal servizzi ta' karrieri doppji f'ċentri ta' taħriġ, skejjel sportivi, akkademji sportivi, klabbis sportivi, federazzjonijiet sportivi u/jew Universitatijiet.
 - Jikkunsidraw li jappoġġaw istituzzjonijiet edukattivi fil-livell nazzjonali u bejn l-Istati Membri biex jikkooperaw frabta mal-programmi edukattivi adattati u x-xogħol bħala kwistjoni ta' prijorità biex jistabbilixxu ekwivalenza bejn il-livelli ta' kwalifiki, kif deskritt fil-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki.
 - Jikkunsidraw miżuri li jiffaċilitaw u jippromwovu l-mobbiltà ġeografika tal-atleti biex ikunu jistgħu jorbtu l-karrieri sportivi tagħhom ma' programmi edukattivi barra mill-pajjiż.
 - Jippromwovu l-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ u/jew kwalifiki fis-settur sportiv għal atleti, permezz ta' relazzjonijiet ta' inkoraġġiment bejn il-fornituri tal-edukazzjoni vokazzjonali u l-organizzazzjoni sportiva.
 - Ikomplu jaħdmu permezz tal-Oqfsa ta' Kwalifiki Nazzjonali (NQFs) biex jallinjaw korsijiet sportivi, kwalifiki u ċertifikazzjoni għal professjonijiet f'servizzi ta' appoġġ għall-karrieri doppji mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK).
9. Rigward ix-xogħol għall-atleti:
- Jappoġġaw avvenimenti speċifiċi (seminars, konferenzi, workshops, avvenimenti ta' netwerking, swieq tax-xogħol) għal atleti waqt li ssir enfasi fuq l-importanza tal-karriera doppja u dawn jiġu infurmati bis-servizzi u l-appoġġ disponibbli rilevanti għax-xogħol.
 - Jikkunsidraw l-istabbiliment ta' programmi speċifiċi għal karrieri doppji għal atleti li jaħdmu fis-servizzi pubbliċi, li jservu wkoll bħala eżempju tal-aħjar Prattika għal impjegati oħra.
 - Jikkunsidraw il-potenzjal għal miżuri li jirrimedjaw għall-iżvantaġġi li atleti jistgħu jaffaċċjaw fir-rigward tal-parteċipazzjoni irregolari tagħhom fis-suq tax-xogħol.
 - Jippromwovu gwida u appoġġ għal atleti mill-aqwa li jkunu ser jirtiraw sabiex huma jkunu jistgħu jħejju għal, jinizjaw u jiżviluppaw karriera fis-suq usa' tax-xogħol meta l-karriera sportiva tagħhom tintemm.
 - Jinkludu l-karrieri doppji fuq l-aġenda ta' djalogu soċjali fil-livell nazzjonali tal-UE.

10. Rigward is-saħħa tal-atleti:

- Jikkunsidraw li jappoġġaw, fejn adatt, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet sportivi, tas-saħħa u edukattivi biex tingħata assistenza fis-saħħa u psikoloġika lil atleti permezz ta' programmi edukattivi fl-oqsma tal-ħiliet għall-ħajja, għajxien b'saħħtu, nutrizzjoni, prevenzjoni mill-feriti u tekniki ta' rkupru, b'kunsiderazzjoni b'mod speċjali għall-integrità morali tal-minorenni u t-tranżizzjoni fi tmiem il-karriera sportiva.
- L-awtoritajiet tas-saħħa pubblika u l-fornituri ta' assigurazzjoni privata huma mistiedna jikkunsidraw, kif adatt, mekkaniżmi ta' assigurazzjoni li jipprovdu lil min iħaddem, lill-ħaddiema-atleti u lill-atleti ritirati żieda fil-protezzjoni tal-impjegati fir-rigward ta' feriti relatati mal-isport, b'kunsiderazzjoni speċjali lit-tranżizzjoni fit-tmiem ta' karriera sportiva.

11. Rigward il-finanzi tal-atleti:

- Jesploraw, fejn adatt, l-istabbiliment, jew l-iżvilupp ulterjuri, ta' sistemi ta' appoġġ finanzjarju għal atleti-studenti li jirrifletti l-istadji differenti ta' karriera doppja.
- Jikkunsidraw, fejn adatt, l-iżvilupp ta' boroż ta' studju speċifiċi għal karrieri doppji f'istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ li jippermettu lill-atleti jorbtu flimkien l-edukazzjoni u l-isport. Dawn il-boroż ta' studju jistgħu jikkonsistu minn assistenza finanzjarja għal ċerti spejjeż relatati mal-isport, ħlas ta' miżati ta' taġħlim għal programmi speċifiċi edukattivi jew servizzi ta' appoġġ, b'kunsiderazzjoni speċjali lit-transizzjoni fit-tmiem ta' karriera sportiva.

FILWAQT LI JQISU L-AWTONOMIJA TAL-ORGANIZZAZZJONIJET SPORTIVI JAPPELLAW LILL-ORGANIZZAZZJONIJET SPORTIVI BIEX:

1. Jiżguraw l-appoġġ għas-suċċess ta' karrieri doppji ta' atleti fil-livelli interni kollha (pereżempju billi jinħatru konsultanti kwalifikati biex jassistu l-atleti mill-bidu sat-tmiem tal-karriera sportiva tagħhom; billi trainers u persunal ta' appoġġ responsabbli jieħdu kont tal-ħtiġijiet tal-edukazzjoni u/jew tax-xogħol; billi avvenimenti sportivi nazzjonali u internazzjonali jiġu skedati b'mod li jieħu kont tal-ħtiġijiet tal-edukazzjoni u/jew tax-xogħol tal-atleti u billi l-atleti jiġu mħarsa minn sforz eċċessiv (*).
2. Jiżviluppaw, imexxu jew jipparteċipaw bis-sħiħ fin-netwerks u l-mekkaniżmi stabbiliti fl-Istati Membri u/jew l-awtoritajiet sportivi pubbliċi biex jiżviluppaw u jimplimentaw servizzi ta' karrieri doppji għal atleti.

3. Jikkunsidraw in-nomina ta' "ambaxxaturi ta' atleti b'karriera doppja" biex juru li huwa possibbli li wieħed ikollu suċċess fl-ogħla livell fl-isport, filwaqt li jkollu wkoll suċċess fl-edukazzjoni u/jew ix-xogħol.
4. Jikkooperaw mal-kmamar ta' kummerċ u xogħol u negozji biex titqajjem kuxjenza dwar liema attributi pożittivi u vantaġġi atleti jista' jkollhom għal min iħaddem filwaqt li jinkoraġġixxu arranġamenti ta' xogħol flessibbli għall-atleti.
5. Jinkoraġġixxu n-negozjar ta' ftehimiet ta' sponsorizzazzjoni ma' kumpanniji li jippermettu li atleti ikollhom aċċess għal esperjenza ta' xogħol, reklutaġġ privileġġat u arranġamenti ta' xogħol flessibbli fil-kumpannija li tisponsorizza jew il-kumpannija sħab tagħha.
6. Jinvolvu, fejn adatt, kopri rappreżentattivi tal-atleti fl-iżvilupp ta' politika u azzjonijiet fil-qasam tal-karrieri doppji.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

1. Abbażi tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-Karrieri Doppji tal-Atleti, tikkunsidra segwit adegwat fil-qafas tat-tieni pjan ta' ħidma dwar l-Isport tal-Kunsill, inklużi billi tħares lejn modi biex titkejjel l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' politika fil-qasam tal-karrieri doppji fl-UE kollha, li jistgħu jintużaw mill-Istati Membri fuq bażi volontarja.
2. Tipprovdi appoġġ għan-netwerks tal-karrieri doppji, li jġibu flimkien assoċjazzjonijiet ta' atleti, negozji u kmamar ta' kummerċ u xogħol, organizzazzjonijiet sportivi, istituzzjonijiet edukattivi, awtoritajiet nazzjonali u lokali u kowċijiet biex jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar Prattika fil-livell tal-UE.
3. Tippromwovi u tappoġġa l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki fl-UE fir-rigward tal-karrieri doppji ta' atleti, fost l-oħrajn permezz tal-appoġġ għal proġetti u t-tixrid tar-riżultati tagħhom taħt skemi u programmi ta' finanzjament rilevanti.
4. Tappoġġa sistema ta' monitoraġġ u/jew ta' riċerka abbażi tad-dimensjoni internazzjonali ta' programmi għal karrieri doppji, partikolarment rigward l-effetti ta' tranżizzjonijiet fil-ħajja tal-atleti, is-salvagwardja tal-iżvilupp ta' atleti fi sport bi speċjalizzazzjoni bikrija, l-effettività tal-miżuri u tas-servizzi ta' appoġġ fl-Istati Membri u l-proċess ta' dħul mill-ġdid ta' atleti mill-aqwa fis-suq tax-xogħol.
5. Tappoġġa l-iżvilupp ta' sett ta' rekwiżiti ta' kwalità minimi fil-livell Ewropew b'kooperazzjoni mal-partijiet interessati f'dan il-qasam, li jistgħu jaħdmu bħala punt ta' referenza għal servizzi u faċilitajiet nazzjonali għal karrieri doppji, billi jipprovdu trasparenza u garanziji tal-kwalità is-sikurezza u s-sigurtà għall-atleti, inkluż l-atleti barra mill-pajjiż.

(*) Riżerva ta' skrutinju minn IT.